**315. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jbiegħ lill-Yarra River Corporation Pty. Limited, il-proprjetà immobbiljari magħrufa sal-lum bħala "Malta House" f'Sydney l-Awstralja, bil-kondizzjonijiet, fost oħrajn:

1. bil-prezz ta' żewġ miljuni u erba' mitt elf dollaru Awstraljan ($ AS 2 400 000) li minnhom ġa' tħallsu bħala depożitu s-somma ta' tletin elf dollaru ($ AS 30 000) u l-bilanċ jitħallas kwantu għal disa' mija u sebgħin elf dollaru ($ AS 970 000) mal-bejgħ , u miljun u erba' mitt elf dollaru ($ AS 1 400 000) jitħallsu fi żmien seba' (7) snin minn meta l-Gvern jagħti pussess vakanti tal-fond lix-xerrej, bl-imgħax ta' 11% fis-sena , b'dana illi x-xerrej ikun intitolat iħallas qabel għeluq seba' snin il-bilanċ kollu jew parti mill-istess bilanċ basta kull pagament ma' jkunx anqas minn ħamsin elf dollaru ($ AS 50 000) oltra l-imgħaxijiet;

2. sakemm jingħata l-pussess vakanti tal-fond il-Gvern ikun intitolat ikompli jdaħħal il-kirjiet, waqt li ċerti obbligi bħalma huma spejjeż ta' manutenzjoni u ħlas ta' rates u dawk id-drittijiet u obbligi li kellu dwar il-kirjiet jibqgħu a favur u a karigu tal-Gvern.

Billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art lit kun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment"; u

Billi huwa xieraq li bejgħ fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-Kamra tirrakommanda dan il-bejgħ lill-Yarra River Corporation Pty. Limited, tal-proprjetà fuq imsemmija u magħrufa bħala "Malta House" f'Sydney l-Awstralja .

03.04.1981